MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Frar, 2018

Rikors Maħluf Numru 497/17LM

**Mangion Bros. (Zurrieq) Limited (C6162)**

***vs.***

**Angele Calleja (K.I. 407357M) u Claude Calleja (K.I. 0715159M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjetà attriċi **Mangion Bros. (Zurrieq) Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), fil-31 ta' Mejju, 2017, maħluf min Carmel Mangion bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' appalt datat 2 ta' Lulju, 2013 bejn Angele Calleja u Carmelo Mangion għan-nom tas-soċjetà esponenti, permezz ta' liema s-soċjetà rikorrenti ġiet inkarigata mill-intimata Angele Calleja sabiex*

*tagħmel xogħlijiet konsistenti fost oħrajn fil-kostruzzjoni ta' appartamenti u garages, fi Triq J.M. Newman, f'San Pawl tat-Tarġa (Kopja tal-kuntratt qed jiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A*[1]*);*

2. *Illi s-soċjetà attriċi eżegwiet ix-xogħlijiet kif rikjesti u skont il-pjanti u l-istruzzjonijiet tal-periti tal-intimati bid-diliġenza kollha meħtieġa minnha u in buona fede;*

3. *Illi matul il-kors tax-xogħlijiet l-intimata għamlet pagamenti akkont tal-prezz finali li ġie pattwit bejn il-partijiet iżda għad fadlilha tħallas is-somma bilanċjali lis-soċjetà attriċi rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet u materjali fornuti skont l-istess kuntratt suriferit;*

4. *Illi nonostante illi x-xogħlijiet tlestew u ġew konsenjati lill-intimata, li aċċettathom, l-istess qegħda tirrifjuta mingħajr raġunijiet validi li tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma bilanċjali ta' mija u erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u tmintax-il Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€144,518.84), bl-imgħaxijiet mill-ġurnata tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;*

5. *Illi minkejja l-fatt li l-intimati ġew interpellati għall-ħlas kemm -il darba bil-miktub, inkluż permezz tal-ittra uffiċjali numru 2095/2016 (kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B*[2]*) l-intimati baqgħu inadempjenti milli jagħmlu dan;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir l-odjerna kawża;*

7. *Illi Carmelo Mangion jiddikjara illi huwa personalment jaf bil-fatti;*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet li jidhrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:*

1. *Tillikwida s-somma ta' mija u erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u tmintax-il Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€144,518.84) jew somma oħra verjuri dovuta mill-intimati jew min minnhom, lis-soċjetà attriċi, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' appalt u xogħlijiet u materjal imwettaq u kkonsenjat kif premess f'dan ir-rikors ġuramentat;*

---

[1] *A fol.* 4 sa 16. Dan id-dokument ġie sostitwit permezz ta' nota tas-soċjetà attriċi ppreżentata fis-06.12.2017, liema dokument jinsab esebit *a fol.* 128 sa 132.

[2] *A fol.* 17, datata 21.06.2016.

2. *Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 2095/2016 u bl-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi kontra l-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-rikors ippreżentat mill-konvenuti **Angele Calleja** u **Claude Calleja** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") fil-31 ta' Ottubru, 2017, *ai termini* tal-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 387[3], fejn talbu s-segwenti:

*L-esponenti ġew notifikati*[4] *bi proċeduri li nbdew quddiem din l-Onorabbli Qorti u preżentement jinsab għaddej it-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata tal-esponenti, terminu issa sospiż ai termini tal-artikolu 15(8) tal-Kap. 387.*[5]

*Is-soċjetà rikorrenti u l-esponenti Angele Calleja kienu ffirmaw kuntratt ta' appalt (anness mar-rikors ġuramentat) wara li l-istess esponenti kienet ħarġet sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet (hawn anness, ħlief għall-Appendices, u mmarkat Dok. AC1*[6]*) (it-"Tender Document"). Fi klawsola 56 tat-Tender Document hemm stipulat biċ-ċar li kull disputa li tinqala' bejn il-partijiet hija soġġetta għal riżoluzzjoni fil-forum ta' arbitraġġ.*

*Kif jirriżulta mill-istess klawsola, din hija wiesgħa b'tali mod li tinkwadra kull tilwima li tista' tinqala' bejn il-partijiet fir-rigward tal-kuntratt tal-appalt.*

[3] "15(3) Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet."

[4] Il-konvenuti ġew notifikati fis-17.10.2017, *a fol.* 27.

[5] "15(8) Mal-preżentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-proċedimenti skont is-subartikolu (3), kull limitu ta' żmien għall-preżentata ta' kull risposta tal-intimat jew tweġiba oħra, kemm jekk titnissel mil-liġi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal jew xort'oħra, għandu jiġi interrott u għandu jerġa' jibda jseħħ mid-data li fiha r-rikorrent jiġi notifikat bid-deċiżjoni tal-Qorti li tiċħad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-deċiżjoni".

[6] *A fol.* 112 u 113.

*Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha sabiex twaqqaf dawn il-proċeduri milli jinstemgħu quddiemha ai termini tal-art. 15(3) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-risposta tas-soċjetà attriċi għar-rikors tal-konvenuti, ippreżentata fl-14 ta' Novembru, 2017, fejn qalet:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors intavolat mill-intimati ai termini tal-Art. 15(3) tal-Kap. 387 ta' nhar il-31 ta' Ottubru, 2017;*

2. *Illi s-soċjetà esponenti tikkontesta tali talba u tikkontendi illi din l-Onorabbli Qorti għandha ġurisdizzjoni illi tisma' u tiddeċiedi l-pretensjonijiet imressqa fir-rikors promotur u dan għas-segwenti raġunijiet;*

3. *Illi fl-ewwel lok jiġi eċċepit illi ai termini tal-artikolu 742(3) tal-Kap. 12 il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili ma hijiex esklużа mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet;*

4. *Illi fit-tieni kok jiġi rilevat illi minkejja li l-fatt li ai termini tal-klawsola 56 jeżisti ftehim ta' arbitraġġ ai termini tal-istess klawsola:*

   *"**Where the parties fail to agree to refer the matter in arbitration, nothing** in accordance with the above provisions nothing in the foregoing provisions* (sic)[7] ***shall prevent either party from filing legal proceedings against the other** ..." (enfażi miżjuda)*

   *Illi s-soċjetà rikorrenti intavolat ittra uffiċjali fil-konfront tal-intimati f'Ġunju tal-2016, kopja ta' liema hija annessa mar-rikors promotur[8] għal ammont li kien dovut aktar qabel, u minn dik l-ittra l-ebda vertenza ma ġiet riżolta. Għaldaqstant in vista tas-suċċitat is-soċjetà esponenti għandha kull jedd illi tistitwixxi proċeduri quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

5. *Illi fit-tielet lok u konsegwentement, l-obbligu illi wieħed jirreferi disgwid bejn il-partijiet għall-arbitraġġ jinkombi fuq kull parti tal-ftehim, u għaldaqstant ma jistgħux illum l-intimati wara aktar minn sena li ntbagħtet l-ittra uffiċjali, u anki qabel, jeċċepixxu tali klawsola meta huma stess kellhom kull opportunità jsejħu*

[7] Il-kliem skont l-aħħar paragrafu tal-klawsola 56 jaqra in effetti *"Where the parties fail to agree to refer to the matter in arbitration in accordance with the above provisions, nothing in the foregoing provisions shall prevent either party from filing legal proceedings against the other for the settlement of the dispute of difference."*

[8] *A fol.* 17.

*lis-soċjetà esponenti għall-arbitraġġ u meta l-istess setgħu fetħu proċeduri huma stess wara li lmentaw li soffrew danni;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba mressqa mill-intimati u dan salv kwalunkwe provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet fir-rigward tar-rikors ippreżentat mill-konvenuti *ai termini* tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 387, l-Att dwar l-Arbitraġġ.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum dwar il-kwistjoni jekk din il-Qorti għandhiex tkompli tisma' din il-kawża jew għandhiex twaqqaf dawn il-proċeduri milli jinstemgħu quddiemha *ai termini* tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 387.

Permezz ta' din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-bilanċ ta' €144,518.84 allegatament dovut mill-konvenuti għal xogħlijiet ta' appalt li saru mis-soċjetà attriċi. Min-naħa tagħhom il-konvenuti jikkontendu li l-materja mertu ta' din il-kawża kellha tiġi riferuta mis-soċjetà attriċi għall-arbitraġġ ai termini tal-klawsola 56 tal-*General Conditions* tat-*tender*. Il-konvenuti jikkontendu li l-imsemmija klawsola arbitrali kif inhija fformulata, teskludi l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Min-naħa tagħha s-soċjetà attriċi ssostni

li l-artikolu 742(3) tal-Kap. 12 ma jeskludix il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti 'l għaliex l-imsemmija klawsola arbitrali tistipula li fin-nuqqas ta' fethim bejn il-partijiet li jirreferu l-kwistjoni għall-arbitraġġ, kull parti għandha dritt tipproċedi quddiem il-qrati ordinarji u li l-konvenuti ma jistgħux illum jissollevaw in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti billi issa jittentaw jinvokaw l-imsemmija klawsola arbitrali, meta kellhom kull opportunità li jagħmlu dan wara li rċevew l-ittra uffiċjali tas-soċjetà attriċi aktar minn sena ilu, meta huma kienu qegħdin jallegaw li sofrew danni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi l-konvenuti ppreżentaw rikors ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap. 387. Skont din id-dispożizzjoni, f'każ illi parti għall-ftehim ta' arbitraġġ tipproċedi kontra l-parti l-oħra quddiem xi Qorti, din tista' titlob, entro t-terminu għall-preżentata tar-risposta maħlufa tagħha, li jiġi sospiż dan it-terminu u li l-proċedimenti quddiem il-qorti jitwaqqfu. Jekk din it-talba ma ssirx qabel l-imsemmi stadju, il-proċess quddiem il-Qorti jibqa' għaddej sakemm il-kwestjoni tiġi deċiża b'mod finali. Għaldaqstant il-parti li tkun ġiet ċitata fil-kawża tista' tagħżel jew li tkompli bil-proċedimenti quddiem il-Qorti jew li titlob li dak il-proċediment jitwaqqaf sabiex il-pendenza bejn il-partijiet tiġi deċiża mill-arbitraġġ.

Tqis illi l-proċedura li rrikorrew għaliha l-konvenuti *ai termini* tal-artikolu 15 tal-Kap. 387 hija dik korretta u saret *entro* t-terminu mogħti mil-liġi. Li jrid jiġi deċiż issa f'dawn il-proċeduri huwa jekk il-klawsola arbitrali inkwistjoni effettivament teskludix il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Illi kwantu għall-klawżola arbitrali inkwistjoni[9], din qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha sabiex ikun jista' jiġi apprezzat aħjar f'liema spirtu l-imsemmija klawsola ġiet stipulata:

> *"In the event of any dispute or difference arising between the parties in connection with this Agreement particularly regarding the matters contemplated in clause 45[10], hereof (in which event pending the outcome of arbitration proceedings the money is to remain deposited with the lawyers of the Employer), either during or after the term of this Agreement, the parties shall, within two days of a written request from either party to the other, meet in an effort to resolve the dispute or difference between them.*
>
> *If the dispute or difference is not resolved as a result of the meeting, the matter in dispute or in difference shall be submitted to arbitration as provided in and pursuant to Title XVI of the Maltese Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta).*[11]
>
> *Arbitration proceedings shall be commenced as soon as one party's intention to refer the dispute to arbitration (Notice of intent to Arbitrate).*
>
> *The Arbitration Tribunal shall be composed of three arbitrators, one to be chosen by each party and the third to be agreed by the arbitrators, appointed by the parties. The names of the arbitrators shall be submitted within two days from the notice of intent to Arbitrate. Should any one party fail to submit the name of any person who is to act as arbitrator within the time period above mentioned, or should the arbitrators appointed by the parties fail to reach agreement on the third arbitrator within seen (7) days from the Notice of Intent to Arbitrate, such pesron shall be nominated by the President of the Chamber of Advocates by simple request by either of the parties.*
>
> *The deed or writing of submission to arbitration shall be drawn up by the Parties pursuant to articles 968 to 978 of Chapter 12 of the Laws of Malta*[12] *within five days from the sending of a notice of intent to*

[9] Klawsola 56, *a fol.* 112 u 113.
[10] Rigward is-sospensjoni temporanja tax-xogħlijiet, liema klawsola mhijiex applikabbli għall-każ odjern.
[11] "Titolu XVI - FUQ L-ARBITRAĠĠ – 968(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), każ li jkun jirrigwarda kwistjoni li fuqha jkun hemm tilwima li tkun inġiebet quddiem qorti ta' kompetenza ċivili f'Malta tista' fuq talba tal-partijiet kollha titqiegħed għal deċiżjoni b'arbitraġġ, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Arbitraġġ, u d-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att għandhom ikunu japplikaw għal dak il-każ".
[12] L-artikoli 970 sa 978 ġew imħassra bl-Att dwar l-Arbitraġġ, Kap. 387.

> *Arbitrate. The obligation to submit to arbitration shall lapse should the aforementioned deed or writing not be drawn up witin the said time period.*
>
> *Such arbitration shall be binding and not subject to appeal. Pursuant to article 982 of Chapter 12 of the Laws of Malta, the arbitrators shall adjudge the matter as friendly mediators. The parties shall share equally the costs and fees of the arbitrators.*
>
> *Where the parties fail to agree to refer to the matter in arbitration in accordance with the above provisions, nothing in the foregoing provisions shall prevent either party from filing legal proceedings against the other for settlement of the dispute of difference."*

L-iskop ta' din il-klawsola arbitrali evidentement kien li tiġi spedita l-litigazzjoni li setgħet tinqala' fl-ambitu tal-kuntratt tal-appalt inkwistjoni, b'mod li ma jinżammux weqfin ix-xogħlijiet. Peress li l-partijiet taw l-ewwel preferenza tagħhom lill-arbitraġġ, inżamm però *safety valve* li f'każ li l-partijiet ma jiftiehmux dwar kif għandhom jipproċedu bl-arbitraġġ, ma jispiċċax ikun l-arbitraġġ innifsu l-kawża tad-dewmien.

L-avukati difensuri tal-partijiet fis-sottomissjonijiet tagħhom għamlu riferiment għall-ġurisprudenza lokali u m'għandniex xi ngħidu interpretawha b'mod li jiffavorixxi lit-teżi tagħhom. Il-konvenuti jsostnu li l-ġurisprudenza lokali b'mod ġenerali ttendi favur li klawsoli arbitrali għandhom jiġu rispettati u l-Qrati jaċċettaw li għandhom ġurisdizzjoni biss biex (i) jagħtu interpretazzjoni ta' klawsoli simili; (ii) għall-effettività tal-eżegwibbilità, bħall-ħruġ ta' mandati skont l-artikolu 742(4) tal-Kapitolu 12 u (iii) biex jagħmlu tajjeb għal-lakuni fil-proċeduri arbitrali, u ċjoè kif dawn għandhom

jitħaddmu.[13] B'riferiment għal dik il-parti tal-klawsola arbitrali inkwistjoni li tgħid:

> *"... Where the parties fail to agree to refer to the matter in arbitration in accordance with the above provisions, nothing in the foregoing provisions shall prevent either party from filing legal proceedings against the other for settlement of the dispute of difference. ..."*

Il-konvenuti jsostnu li din l-klawsola m'għandhiex tapplika għall-każ odjern stante illi din ma tgħidx x'jista' jiġri jekk il-partijiet ma jirrikorrux għall-arbitraġġ, iżda x'jista' jiġri jekk il-partijiet ma jiftiehmux li jirreferu l-kwistjoni għall-arbitraġġ u li f'dan il-każ l-ittra uffiċjali li ntbagħtet mis-soċjetà attriċi, la kienet stedina għall-arbitraġġ u wisq inqas tentattiv biex tiġi riżolta l-vertenza, iżda sempliċement talba għall-ħlas tal-bilanċ.

Il-konvenuti jagħmlu riferiment ukoll għal sentenza tal-Qorti tal-Appell[14] li kkonfermat li l-fatt li wieħed jibgħat ittra uffiċjali ma jfissirx li dan ikun irrinunzja għall-arbitraġġ. Il-konvenuti filwaqt li jaqblu li l-aħħar parti tal-klawsola arbitrali hi pjuttost kontradittorja, fir-rigward tal-bqija tal-paragrafi tal-istess klawsola jagħmlu riferiment għal awturi barranin u għal ġurisprudenza Amerikana u Kanadiża dwar klawsoli arbitrali, fejn ġie ritenut illi meta ikun hemm dubji dwar l-applikazzjoni ta' klawsoli arbitrali, dawn għandhom jiġu interpretati favur l-arbitraġġ. Dan għaliex l-inklużjoni ta' klawsoli arbitrali turi l-intenzjoni tal-partijiet li jiffavorixxu l-arbitraġġ.

[13] Ara **Muscat *et vs.* Maltco Lotteries Limited**, P.A., 21.05.2015 u **Cobra Installations Limited *vs.* Stephen Caruana*,*** P.A., 08.11.2013.
[14] **Malta Shipyards Limited *vs.* VPJ Limited**, Q.A., 09.11.2012.

Is-soċjetà attriċi min-naħa tagħha tagħmel riferiment għal sentenza[15] li kellha fattispeċi simili għal dawk tal-kawża odjerna, fejn il-Qorti kienet waslet għall-konklużjoni li jekk ma jkunx intlaħaq ftehim dwar l-arbitraġġ jew ma tkunx teżisti l-possibbiltà ta' ftehim bħal dan, f'dik l-eventwalità kull parti tista' tirrikorri għal proċeduri ġudizzjarji kontra l-parti l-oħra quddiem il-Qrati.

Tqis illi l-ebda waħda mill-partijiet ma ppreżentat kopja tal-korrispondenza estensiva li l-partijiet jaqblu li kien hemm bejniethom dwar id-diżgwid li nqala' rigward il-ħlas tal-bilanċ rimanenti. Waqt it-trattazzjoni, l-avukat difensur tal-konvenuti qal illi l-konvenuti kienu qed jallegaw li minħabba difetti fix-xogħlijiet li saru mis-soċjetà attriċi, mhux talli l-konvenuti kienu ħallsu dak kollu dovut, iżda kienu saħansitra qegħdin jikkontemplaw li jagħtu bidu għal proċeduri ġudizzjarji kontra s-soċjetà attriċi għad-danni li allegatament sofrew. Il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għalfejn ma ftiehmux li jirreferu l-kwistjonijiet ta' bejniethom għall-arbitraġġ, bil-konvenuti jallegaw li huma dejjem kienu disposti li jiltaqgħu mal-parti l-oħra, iżda l-appuntamenti li kienu jsiru kienu jispiċċaw jitħassru mill-kontroparti minħabba l-allegati impenji tal-periti tas-soċjetà attriċi.

Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Grech *vs.* Joseph Cutajar *et***[16]:

> "Jidher li fil-ġurisprudenza nostrana ġie ritenut li:
>
> "Il-Qrati tagħna ammettew il-validità tal-klawsola arbitrali, li tista' tiġi stipulata anke biex l-obbligazzjonijiet eżistenti bejn il-kontraenti tiġi sottratta mill-ġurisdizzjoni tat-Tribunali...*omissis...*

[15] **Trends Development Co. Ltd. *vs.* Gatt Enterprises Ltd.**, Q.Maġ. (Sup.) Għawdex, 28.03.2014.
[16] P.A., 01.12.2008.

Kif huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana, klawsola arbitrali hija valida u dan in omaġġ għall-volontà libera tal-partijiet."

Din kienet il-linja li ttieħdet mill-qrati tagħna qabel l-emendi introdotti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XXIV tal-1995. Hu issa provvdut fl-artikolu 742(3) tal-Kap 12 li:

"Il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-Qorti bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf fil-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u għas-setgħa li għandha l-Qorti li tagħti kull ordni jew direttiva."

Dan fil-fatt, ġie mfisser u spjegat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Mejju, 1998 **George Camilleri *vs.* Hugh P. Zammit *noe***:

"il-liġi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jiġi assigurat li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza ċivili ma tkunx eskluża mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Ċivili jkunu jistgħu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validità ta' tali ftehim ta' arbitraġġ, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proċeduri skont kif trid il-liġi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-ġurisdizzjoni li jassiguraw l-eżegwibilità tad-deċiżjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandati kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati eżekuttivi……Dan ifisser illi d-disposizzjoni 742(3) ma kinitx intiża biex tinnewtralizza l-effikaċja ta' klawsola arbitrali, imma intiża biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Ċivili li jkollhom il-ġurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jiġu mħaddma u dana billi jkollhom il-poter li jagħmlu tajjeb u jagħtu direttivi fil-każ li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jiġu proċeduralment imħaddma fil-prattika."

F'deċiżjoni oħra, **George Xuereb *vs.* Accountant General *et*** datata 28 ta' Frar, 1997, il-Qorti tal-Appell diġà kienet enunċjat illi:

"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tiġi reża bla ebda effett bis-sempliċi rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser però, li din il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni oriġinali u *"overiding"* li tissindika wkoll l-applikazzjoni tal-eżekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."

Ara wkoll f'dan is-sens il-kawża deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru 2004, referenza 1246/97PS, fl-ismijiet **Joseph Micallef *et vs.* Jovin Rausi *noe***".

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Cobra Installations Limited *vs.* Stephen Caruana** ġie deċiż illi[17]:

"... klawsola arbitrali ma teskludix il-kompetenza tal-qorti ordinarja anke jekk ikun ġjà nbeda proċediment quddiem l-arbitraġġ. Inoltre l-qorti tista' tagħti kwalunkwe ordni li jidhrilha xierqa fir-rigward tal-istess arbitraġġ. Jidher li l-għan tal-imsemmi artikolu 742(3) hu li tiġi enfasizzata r-regola li fi kwalunkwe każ hi dejjem il-qorti ordinarja li hi fdata bl-interpretazzjoni bit-tħaddim ta' klawsola arbitrali. Hawnhekk ir-rwol tal-qorti prinċipalment hu regolatorju però għandha ukoll il-kompetenza li tiddeċiedi kwestjonijiet li jistgħu jkunu koperti mill-klawsola arbitrali.

Illi kif diġà ġie aċċennat aktar qabel, tqis li mid-diċitura tal-imsemmija klawsola arbitrali, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti mhijiex eskluża tenut kont ukoll tal-provi limitati li ġew ippreżentata quddiem il-Qorti. Fis-sentenza fl-ismijiet **Malta Shipyards Limited *vs.* VPJ Limited**[18] ġie ritenut:

"Fil-fatt l-ewwel darba li hija semmiet l-klawsola arbitrali kien biss wara li ġiet notifikata b'din il-kawża, u dan għamlitu permezz ta' nota fl-atti datata 7 ta' Diċembru, 2007. Dan allura huwa iktar minn sentejn minn meta ħareġ il-kont finali fit-22 ta' Lulju, 2005 (Dok. "MSL 8" – fol. 75) u minn meta sar pagament akkont skont riċevuta datat 23 ta' Awwissu, 2005 (Dok. "MSL 11" – *fol.* 78).

Dan jindika b'mod ċar u pależ li qabel ma saret din il-kawża s-soċjetà appellata ma kinitx qed tinsisti fuq il-klawsola arbitrali, minkejja li din il-pendenza kienet ilha sejra iktar minn sentejn. Mhux biss iżda jirriżulta wkoll li interpellat lis-soċjetà appellanti għad-danni bl-ittri uffiċjali

[17] P.A., 08.11.2013.
[18] Q.A., 09.11.2012.

imsemmija fil-Prim' Awla, iżda fl-istess ħin, anke għal pretensjoni tagħha ta' danni, (li qatt ma kwantifikat) hija bl-ebda mod ma rreferiet għal xi klawsola arbitrali.

Jirriżulta li lanqas meta hija ġiet interpellata biex tħallas l-ammont bilanċjali (li huwa wieħed relattivament żgħir meta kkomparat mal-valur tax-xogħlijiet esegwiti), ma rreferiet għal klawsola arbitrali, u lanqas ħadet pass sabiex tali arbitraġġ iseħħ jew inkella jinbeda, u din hija s-sitwazzjoni li għadha hekk sal-lum.

F'dan l-isfond din il-Qorti tħoss li għalkemm ma hemmx dubju li l-klawsola arbitrali hija valida, din ma teliminax il-kompetenza ta' din il-Qorti, li hija dejjem kompetenti (Artikolu 742 (3) tal-Kap. 12) ... ."

Illi huwa wkoll ta' rilevanza diretta għall-kawża odjerna dak illi ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ignatius Gatt *et vs.* Franco Facchetti *et***[19]:

"Fi kliem ieħor, iż-żewġ partijiet kellhom it-tnejn indaqs l-obbligu kontrattwali, wara li tfaċċa d-diżgwid serju bejniethom, li jirreferu l-kwistjoni għad-deċiżjoni tal-arbitru mingħajr dewmin. Huwa prinċipju sagrosant tal-liġi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-buona fidi. Din il-Qorti hi tal-fehma li mhux permess għall-konvenuti li issa jinvokaw l-eżekuzzjoni tal-klawżola arbitrali f'din il-kawża meta wrew passività prolungata tagħhom, kienu wrew biċ-ċar li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq tal-arbitraġġ. Irriżulta li bl-imsemmija ittra uffiċjali (...), l-attur kien ta r-raġunijiet tiegħu għaliex ma kienx dispost li jissottometti ruħu għal arbitraġġ kondott mill-persuni li jissemmew fil-klawżola arbitrali. Fl-istess ittra huwa kien intima lill-konvenuti biex jirregolaw ruhom. Din il-Qorti hija soddisfatta li, la darba l-konvenuti ma ikkontradixxewx lill-attur, u lanqas ma ressqu huma stess il-vertenza ta' bejniethom quddiem l-arbitru imsemmi fil-ftehim, kif kellhom id-dover li jagħmlu, allura wieħed raġonevolment għandu jasal għall-konklużjoni li huma ġew li aċċettaw il-posizzjoni li ħa l-attur fil-konfront tal-klawżola arbitrali u konsegwentement irrinunzjaw taċitament għall-effetti tal-istess klawżola."

[19] Appelli Ċivili, 10.102003.

Illi fil-każ in eżami l-klawsola arbitrali 56 tgħid illi jekk *"the parties fail to agree to refer to the matter in arbitration in accordance with the above provisions, nothing in the foregoing provisions shall prevent either party from filing legal proceedings...".* Illi irrispettivament ta' min kien it-tort, l-ebda waħda mill-partijiet ma wriet ix-xewqa li tirreferi l-kwistjoni tal-ħlasijiet pendenti għall-arbitraġġ. Allura skont klawsola 56 is-soċjetà attriċi setgħet tagħti bidu għal dawn il-proċeduri ġudizzjarji. Fis-sentenza fl-ismijiet **Trends Developments Company Limited *vs.* Gatt Enterprises Limited**[20] li kienet tittratta klawsola arbitrali identika għal dik odjerna, kien intqal is-segwenti:

> "Illi kif diġà ingħad fil-każ odjern ma nġabux provi li kien hemm tentattiv biex il-kwistjoni titqiegħed quddiem arbitru fi proċeduri ta' arbitraġġ. Kif ġie deċiż f'diversi sentenzi l-obbligu li wieħed jirrikorri għall-proċedura ta' arbitraġġ meta jinqala' disgwid qiegħed fuq iż-żewġ partijiet u mhux biss fuq is-soċjetà attriċi kif sostnut mis-soċjetà konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Fil-klawsola arbitrali odjerna għandu japplika wkoll dan il-prinċipju. Il-qorti tqis ukoll li fil-klawsola arbitrali taħt eżami hemm ukoll termini kunfliġġenti wżati u kwindi l-istess klawżola mhix waħda mandatorja.
>
> Illi mill-aġir tas-soċjetà konvenuta l-qorti li hija tal-fehma li s-soċjetà intimata qatt ma kellha intenzjoni li tipproċedi skont l-istess klawsola. Tant huwa hekk li l-istess soċjetà ressqet ukoll kontro-talba. Verament l-ewwel talba tagħha hija sabiex il-qorti tiddikjara l-inkompetenza tagħha liema materja kienet diġà ġiet sollevata bħala eċċezzjoni, iżda imbagħad anki jekk mingħajr preġudizzju talbet lil din il-qorti tillikwida d-danni allegatament sofferti minnha."

Fil-każ in eżami mhux korrett dak li sostnew il-konvenuti meta fit-trattazzjoni finali qalu li l-obbligu li jintalab l-arbitraġġ, wara l-ħruġ tal-ittra uffiċjali datata 21 ta' Ġunju, 2016 mis-soċjetà attriċi, kien jinkombi biss fuq is-soċjetà attriċi. Il-konvenuti jikkontendu li ladarba skont huma m'għandhom iħallsu xejn, ma

[20] Q.Maġ. (Sup.) Għawdex, 28.03.2014.

għandhom għalfejn jagħmlu xejn u jistgħu jibqgħu passivi. Iżda fil-verità kif inhi konkordi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, l-obbligu kien jinkombi fuq iż-żewġ partijiet li jirreferu l-kwistjonijiet ta' bejniethom għall-arbitraġġ. Il-fatt li l-konvenuti kienu komdi ma jħallsux, ma jfissirx li ma kellhomx obbligu li jirreferu l-kwistjoni għall-arbitraġġ. Jekk iddeċidew li dan ma jagħmluhx f'dak l-istadju, ma jistgħux imbagħad wara li ġew intavolati mis-soċjetà attriċi l-proċeduri ġudizzjarji odjerni, permezz ta' rikors ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap. 387, jeċċepixxu n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti minħabba l-imsemmija klawsola arbitrali. Il-mod kif aġixxew il-konvenuti juri pależement li ma kien hemm ebda intenzjoni li huma jidħlu f'arbitraġġ, iżda biss li jintralċjaw l-proċeduri ġudizzjarji odjerni, ħaġa li tmur kontra l-iskop innifsu għalfejn kienet inħolqot il-klawsola tal-arbitraġġ.

Għaldaqstant il-Qorti ser tiċħad ir-rikors li l-konvenuti ppreżentaw *ai termini* tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 387.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda:**

**(1) Tiċħad it-talba tal-konvenuti sabiex jitwaqqfu dawn il-proċeduri milli jkomplu jinstemgħu quddiemha; u**

**(2) Tordna l-prosegwiment tal-kawża u tagħti lill-konvenuti għoxrin (20) jum mil-lum sabiex jippreżentaw ir-risposta maħlufa tagħhom.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-konvenuti.**

Moqrija.